MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1519/2014/1

**Joseph Manduca, direttur ta' kumpanija, iben il-mejjet Francis Piscopo Macedonia Azzopardi Zammit u Margaret Manduca, kif rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu ibnu Christian Manduca stante l-assenza temporanja tieghu mill-gzejjer Maltin**

**vs**

**AX Holdings Limited (C3595) u General Precast Concrete Limited (C12138)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Manduca li permezz tieghu talab lil din il-Qorti zzomm lis-socjetajiet intimati milli jaccedu jew jahdmu fuq raba f'Hal Lija, talbu wkoll li l-initmati jinzammu milli jbieghu jew jghabbu l-istess proprjetà.

Rat it-twegiba tas-socjetajiet intimati.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Artikoli 873 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi doveruz f'dan l-istadju li l-Qorti tenfasizza li kull konsiderazzjoni li ssir dwar il-vertenza hija essenzjalment fuq dak li jidher mad-daqqa t'ghajn bi skrutinju dettaljat tal-fatt jibqa' rizervat ghal dik il-Qorti li eventwalment tigi adita bil-kawza.

Is-socjetajiet intimati jsostnu li m'humiex legittimi kontraditturi fil-kwistjoni ghaliex il-proprjetà giet trasferita lil Bank of Valletta p.l.c. bhala trustee.  Din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni f'dan l-istadju ma tiswiex ghar-raguni li ma gie kontradett b'ebda mod il-fatt li effettivament huma s-socjetajiet intimati li qed jesegwixxu x-xogholijiet.

Dan premess jidher illi l-koncessjoni li ghaliha jirrisali t-titolu tal-intimati kienet ta' porzjon ta' art b'kejl ta' 7847 metri kwadri (ara kuntratt datat 1935), mentri jidher madankollu illi t-trasferiment ricenti li bih AX Holdings akkwistat kien ikopri kejl ta' 8805 metri kwadri.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk l-Qorti tqis li jkun ghaqli li l-vertenza tigi rizolta definittivament mill-Qorti f'kawza apposita u dan sabiex jigi evitat pregudizzju.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Joseph Manduca kontenuta fir-rikors tat-2 ta' Ottubru 2014.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------